MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**

**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Numru. 1240/2013

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Josue Massa ta' 23 sena bin Joseph u il-mejta Rita xebba Bianchi, imwieled il-Pieta nhar it-23 ta' April 1990 u residenti gewwa 21, Maria Annunzjata, Triq il-

Kavallier De Guaras, Tarxien u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 203690M.

Talli;

Fl-24 ta’ Novembru 2013 ghal habta tal-hdax u nofs ta’ filghodu (11:30hrs) gewwa triq Birzebbugia, Hal Tarxien, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli u cioe ghamel hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni FCB 485 tal-ghamla Volkswagen Golf ghad-dannu ta’ John Naudi minn Hal Tarxien liema valur tal-hsara ma jecedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti issib lill-istess imputat Josue Massa' hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghal daqstant qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll torbot lill-imputat b'garanzija tieghu nnifsu billi obbligat li jzomm il-kwiet mal-istess John Naudi u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd; u jekk b'xi mod li jkun naqas minn din l-obbligazzjoni, obbligat li jhallas is-somma

ta’ elf euro (€1,000) penali ordnat bid-decizjoni fuq imsemmija, din l-obbligazzjoni ghandha tibqa’ issehh ghal zmien ta’ sena ai termini ta’ l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------